IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

**Stqarrija għall-Istampa**
**Il-Lussemburgu, is-16 ta' Ġunju 2020**

# Skont l-Awdituri tal-UE, jeħtieġ li l-megaproġetti transfruntiera jitħaffu biex it-trasport fl-Ewropa jiġi ottimizzat

**Il-megaproġetti transfruntiera ewlenin tat-trasport fl-UE qed jipprogressaw aktar bil-mod milli mistenni. Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awditur (QEA), huwa improbabbli li sitta mit-tmien infrastrutturi awditjati, li jiswew bosta biljuni ta' euro, kif ukoll il-linji ta' aċċess tagħhom, se jkunu qed joperaw bil-kapaċità sħiħa tagħhom sal-2030, kif kien ippjanat inizjalment. Dan se jipposponi ulterjorment l-ikkompletar tan-network ewlieni trans-Ewropew (TEN-T).**

Fl-2013, l-Istati Membri tal-UE qablu li n-network ewlieni tat-TEN-T ikun lest sal-2030. Karatteristika ewlenija tan-network huma l-proġetti tat-trasport transfruntiera, li l-għan tagħhom huwa li jtejbu l-konnessjonijiet bejn in-networks nazzjonali tul il-kurituri Ewropej.

L-awdituri eżaminaw jekk il-kostruzzjoni ta' awtostradi, ferroviji u passaġġi fuq l-ilma fuq skala kbira li għandhom impatt transfruntier fuq in-network ewlieni tat-trasport tal-UE kinitx ippjanata tajjeb u implimentata b'mod effiċjenti. Huma vverifikaw 8 megaproġetti ffinanzjati mill-UE b'valur totali ta' EUR 54 biljun (inkluż EUR 7.5 biljun mill-UE), li jgħaqqdu flimkien in-networks tat-trasport ta' 13-il Stat Membru: l-Awstrija, il-Belġju, il-pajjiżi Baltiċi, id-Danimarka, Franza, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija u Spanja.

Kien hemm dewmien sinifikanti fil-kostruzzjoni tal-megaproġetti kollha li ġew eżaminati (dewmien medju ta' 11-il sena), u dan ipperikola l-funzjonament effettiv ta' 5 minn 9 kurituri multinazzjonali. Ir-raġuni prinċipali għal dawn ir-riżultati mhux sodisfaċenti kienet li ħafna drabi l-proġetti ma ġewx ikkoordinati b'mod adegwat bejn il-pajjiżi. L-Istati Membri għandhom il-prijoritajiet ta' investiment u l-proċeduri ta' ppjanar proprji tagħhom, u l-appoġġ tagħhom għall-proġetti transfruntiera jew għall-investimenti fil-kurituri transnazzjonali mhux dejjem ikun tal-istess livell. Lanqas l-implimentazzjoni tal-proġetti ma tipprogressa dejjem bl-istess rapidità fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera. Sa issa, il-Kummissjoni ma għamlitx użu mill-għodod legali limitati li għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex tinforza l-prijoritajiet maqbula fil-livell tal-UE fl-Istati Membri li mhux jirnexxielhom iżommu l-pass.

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.*


**ECA Press**

**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**
**E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu**

"*L-istabbiliment f'waqtu tal-kurituri ewlenin tat-TEN-T huwa kruċjali biex jinkisbu l-għanijiet tal-politika tal-UE, jiġu appoġġati t-tkabbir u l-impjiegi, u jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima,*" **qal Oskar Herics, il-Membru tal-QEA responsabbli għar-rapport.** "*Jenħtieġ li jsiru sforzi addizzjonali biex titħaffef il-finalizzazzjoni ta' ħafna mill-megaproġetti emblematiċi fil-qasam tat-trasport fl-UE. Minħabba li dawn il-proġetti huma essenzjali biex tinkiseb konnettività aħjar fl-Ewropa kollha u biex l-effetti tan-network jitwasslu fil-ħin.*"

Matul iż-żmien, l-ispejjeż tat-8 megaproġetti żdiedu b'aktar minn EUR 17-il biljun (47 %), ħafna drabi minħabba bidliet fit-tfassil u fl-ambitu tal-proġetti, kif ukoll minħabba implimentazzjoni ineffiċjenti. L-akbar żieda kienet fil-proġett tal-Kanal ta’ bejn ix-Xmara Seine u t-Tramuntana tal-Ewropa (li jagħmel parti mil-link Seine-Scheldt), li l-ispejjeż tiegħu kważi ttriplaw. Sadattant, fir-Rumanija, l-awdituri osservaw li medda waħda ġdida mill-awtostrada A1 ma ntużatx u li żewġ sezzjonijiet ġew konnessi b'mod żbaljat. Dan wassal għal użu ineffettiv u ħela ta' flus.

L-awdituri identifikaw ukoll dgħufijiet fl-analiżijiet tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, imwettqa mill-Istati Membri, ta' dawn l-investimenti li jiswew bosta biljuni ta' euro: it-tbassir tat-traffiku kien potenzjalment ottimist iżżejjed u xi wħud mill-proġetti jistgħu ma jkunux ekonomikament vijabbli. Dan huwa partikolarment minnu għal-linja Rail Baltica u għas-sezzjoni ferrovjarja tal-link fiss tal-Fehmarn Belt li l-għadd ta' passiġġieri tagħhom huwa ftit wisq. L-awdituri osservaw ukoll li l-Kummissjoni ma vvalutatx l-ispeċifikazzjonijiet tal-kostruzzjoni b'mod indipendenti, ibbażat fuq il-flussi tat-traffiku potenzjali tal-passiġġieri u tal-merkanzija, qabel l-għoti tal-finanzjament mill-UE.

Is-superviżjoni tal-Kummissjoni tal-ikkompletar tan-network mill-Istati Membri hija distanti u jeħtieġ li tissaħħaħ. Il-Kummissjoni ma għandha ebda dipartiment speċifiku li jipprovdi appoġġ espert lill-Istati Membri fit-tmexxija ta' tali proġetti kbar, u lanqas stampa ġenerali tal-progress li sar. Madankollu, reċentement il-Kummissjoni ħadet pass 'il quddiem lejn superviżjoni u monitoraġġ tal-progress aktar mill-qrib u aktar effettivi billi ddefiniet ir-riżultati tanġibbli tal-proġett fid-"deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni".

**Noti lill-Edituri**

L-implimentazzjoni tan-network ewlieni trans-Ewropew tat-trasport permezz tal-ħolqien tal-kuruturi tan-network ewlieni hija rregolata bir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni hija responsabbli milli tiżgura li l-Istati Membri jikkompletaw in-network ewlieni tat-trasport sal-2030, filwaqt li l-Istati Membri jerfgħu r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi. Sa issa, madwar EUR 7.5 biljun f'finanzjament mill-UE saru disponibbli għat-tmien megaproġetti u sal-lum il-Kummissjoni ħallset EUR 3.4 biljun minnhom. Minħabba d-dewmien, hija rtirat parti mill-finanzjament li ngħata inizjalment (EUR 1.4 biljun għas-17-il sezzjoni li ġew awditjati). Skont studju mill-Kummissjoni, fil-każ li n-network ma jiġix ikkompletat, l-ekonomija tal-UE kieku titlef il-potenzjal ta’ tkabbir ta’ 1.8 %, u 10 miljuni fi snin ta’ xogħol ta’ impjieg.

It-tmien megaproġetti eżaminati – erba' linji ferrovjarji (Rail Baltiċi, Lyon-Turin, Mina ta’ Bażi ta' Brenner, Basque Y), passaġġ wieħed fuq l-ilma (Seine-Scheldt), awtostrada waħda (A1 fir-Rumanija) u żewġ konnessjonijiet multimodali (il-link bit-triq/ferrovjarju Fehmarn Belt u l-link ferrovjarju E59 għall-portijiet fil-Polonja) – jiswew aktar minn EUR 1 000 000 000 kull wieħed u huma mistennija li jwasslu benefiċċji soċjoekonomiċi.

Ir-Rapport Speċjali Nru 10/2020 “Infrastrutturi tat-trasport fl-UE: tinħtieġ aktar rapidità fl-implimentazzjoni ta’ megaproġetti biex l-effetti tan-network jitwasslu fil-ħin” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE, flimkien ma' riżorsi awdjo multilingwi tat-tip podcast għat-8 megaproġetti. Preċedentement, il-QEA ħarġet bosta rapporti speċjali oħra dwar it-trasport fl-UE (ara l-Portal tal-Pubblikazzjonijiet).

Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport: Damijan Fišer

E: damijan.fiser@eca.europa.eu T: (+352) 4398 45 510 / M: (+352) 621 55 22 24

*Miżuri li ttieħdu mill-QEA b’reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19*

*Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ħadet il-passi meħtieġa biex tkun tista’ tkompli tipprovdi servizz tal-awditjar pubbliku fl-UE li jkun effettiv, u biex twassal rapporti, opinjonijiet u rapporti analitiċi tal-awditjar f’waqthom matul il-pandemija tal-COVID-19, sa fejn dan ikun possibbli f’dawn iż-żminijiet diffiċli. Fl-istess ħin, qed nesprimu l-gratitudni tagħna lil dawk kollha li qed jaħdmu biex isalvaw il-ħajjiet u tiġi miġġielda l-pandemija, kemm fil-Lussemburgu kif ukoll fl-UE u madwar id-dinja. Nibqgħu wkoll impenjati li nappoġġaw il-politika tal-Gvern Lussemburgiż dwar is-salvagwardja tas-saħħa pubblika. Aħna qed nimmitigaw l-effetti li l-kriżi tas-saħħa li għaddejja bħalissa qed ikollha fuq il-persunal tagħna u ħadna prekawzjonijiet biex jitnaqqas kemm jista’ jkun ir-riskju għalihom u għall-familji tagħhom.*